MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2007

Numru. 462/2001

**Il-Pulizija
(Sp. Joseph Cordina)
v
Noemi Camilleri ta' 21 sena bint Michael u Veronica nee Grima mwielda Attard fid-9 ta' Lulju, 1979 u residenti 11, Triq it-Tramuntana, Nadur u detentur tal-Karta tal-identita' bin-numru 380579 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Noemi Camilleri li gie akkuzat talli f'dawnil-gzejjer, fix-xhur ta' bejn Settembru, 2000 u Marzu 2001 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizjzoni tal-ligi:

(a) talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal vantagg privat taghha, ghamlet uzu hazin minn flejjes tal-

Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi gew fdati lilha minhabba l-kariga jew impieg taghha jew li hi kellha dmir tissorvelja li ma jsirx jew li minhabba l-kariga jew impieg taghha jew li hi kellha dmir tissorvelja li ma jsirx jew li minhabba l-kariga taghha kellha dmir li timpedixxi u dan bi ksur ta' l-artikoli 127 u 141 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(b) Talli ffalsifikat obligazzjoni tal-Gvern ta' somom li jkunu nghataw b'self lill-Gvern u dan bi ksur tal-artikolu 166 tal-kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

(c) Talli ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijeit, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jwe helsien falz minn obbligi f'dwn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u aktar talli xjentement ghamlet uzu mill-istess att, kitba jew skrittura flaza u dan bi ksur tal-artikoli 183 u 184 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(d) Iffalsifikat cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jircevi bihom hlas, jew jiehu kunsenja ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jwe minn bank jew stabbiliment iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u iktar talli kkommetta l-istess reat bhala ufficjal jwe impjegat pubbliku b'abbuz tal-kariga jew impieg taghha u talli xjentement harget mill-gdid ordni ghall-hlas ta' flus jew xi wiehed mid-dokumneti msemmija, watra li jkun sari l-hlas jew il-kunsinna ta' l-oggetti li jistghu jittiehdu bil-prezentata ta' dak l-ordni jew dokumnet u dan bi ksur tal-artikoli 167, 168(1)(2) tal-Kodici Kriminali

(e) Xjentement ghamel uzu minn wahda minn dawn il-akrti msemmija fl-artikoli 166, 167 u 168 u dan bi ksur tal-artikolu 169 tal-Kodici Kriminali

(f) Talli b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jwe ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi write haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex tqanqal tama jew bizgha dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor u dan billi hareg cekkijiet fuq persuni li ma kellhomx jiehdu minghand id-

Dipartiment tat-Tezor u sarrfithom hi ghall-ammonti li jeccedu Lm500 ghad-detriment tal-Gvern u persuni ohra u dan bi ksur tal-artikoli 308, 309 u 310(a).

Rat l-artikoli migjuba kontra Noemi Camilleri u cioe:

18, 127, 141, 166, 183, 184, 167, 168 (1)(2), 169 tal-Kapitlu 9.

Rat il-kunsens tal-istess Noemi Camilleri ghal proceduri sommarji (fol 107).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi mix-xhieda prodotta jirrizulta ben car illi Noemi Camilleir waqt li kienet fl-impieg mat-Tezor harget fuq isimha jew isem familjari taghha cheques li qatt ma kienu lilha dovuti, liema cheques hija sarrfet u dan ghad-dannu ta' errarju pubbliku.

Illi dan jirrizulta fic-car mill-investigazzjoni interna li saret mill-istess dipartiment. Hawn qed issir referenza partikolari ghax-xhieda ta' Borg Grech u Victor Vella it-tnejn involuta f'din l-investigazzjoni nterna, kif ukoll ghar-rapport redatt mix-xhud Victor Vella lid-Direttur tat-Tezor (Dok A1) folio 50 -52.

Irrizulta wkoll illi wiehed minn dawn ic-cheques mahruga mill-akkuzata, allura fiz-zmien ta' l-akkuza wkoll impjegata mat-Tezor, kif jirrizulta mix-xhieda ta' diversi kollegi taghha, kien mahruq fuq zijitha u cioe Clementina Spiteri. Ghalhekk din xehdet li hija qatt ma rceviet ebda cheque mid-Dipartiment tat-Tezor. Qalet li l-karta tal-identita' taghha bin-numru 24833G darba tatha lin-neputija taghha, l-akkuzata dana ghaliex din qaltilhom illi kienu rebhu xi haga u riedet il-karta tal-identita' taghha. Iz-zija ma hadet xejn ta' dan ir-rebh. Fil-fatt murija id-Dok B, ic-cekk lilha ntestat innegat li hi qatt kienet ratu . Innegat ukoll illi

ffirmat ic-cheque in kwistjoni. Dan il-fatt huwa ikkonfermat mill-ezami komparattiv li ghamel Martin Bajada bejn il-firma tax-xhud u l-firma li tinsab fuq ic-cheque (vide Dok MB fol 135-136).

Impjegata ohra tat-Tezor Liliana Bezzina xehdet illi fl-okkazjoni li din rat l-akkuzata fuq ix-xoghol dina kienet talbitha li tiffirmalha cheque illecitu li harget Noemi Camilleri u li l-kopja tieghu qieghed a fol 58. Dan ic-cheque fil-fatt kien pagabbli lil Noemi Camilleri bl-identity card no. 380579 (M) li per parentesi huwa n-numru tal-karta tal-identita' tal-akkuzata. Irrizulta gia mix-xhieda ta' V. Vella illi l-istess imputata ma kienet qatt entitled ghal xi cheque mit-Tezor. Joe Caruana xhud iehor f'dawn il-proceduri kien it-tieni firmatarju (ghax hekk kienet il-htiega) fuq ic-cheque li fuqu ddeponiet Lilian Bezzina. Anke f'dan il-kaz kienet l-istess akkuzata li talbet korrezzjoni fuq isem tac-cheque, insistenti li dan kien imissu hareg fuq isimha.

George Schiro' Manager il-Bank Centrali kkonferma fil-kaz tac-cheques in kwistjoni li dawn gew mahruga u kienu pagabbli lil Noemi Camilleri, Angelo Camilleri, Clementina Spiteri, u lil Joe Grima.

Per parentesi Angelo Camilleri huwa missier l-akkuzata u bhala tali ghazel li ma jixhidx.

Impjegata ohra tat-Tezor certu Melanie Camilleri xehdet li xi snin ilu l-istess akkuzata staqsietha fuq il-prcedura tal-flus imsejha conscience money u cioe flus ircevuti b'mod anonimu mid-dipartiment ghax ma jkunux dovuti. Pero' aktar saljenti hija x-xhieda ta' Ivan Scerri li ddepona fuq zewg okkazjonijiet fejn darba wahda hu kien ma jiflahx u meta rritorna lura ghax-xoghol sab zewg stop payments ta' cheques. Noemi Camilleri qaltlu fuq dawn biex ma jghaddihomx ghax kienet cajta. Dawn kienu ittri ta' stop payments ghal cheques li suppost ir-ricevituri taghhom ma rcevewx. Darba ohra jirrakonta sitwazzjoni fejn meta dahal mil-leave sab zewg ittri bla firem. Noemi Camilleri qaltlu biex jghaddihom ghax kienet imliethom hi fuq struzzjonijiet li rceviet mir-ricevituri tas-suppost cheques

fuq it-telefon. Kienet fil-fatt qaltlu biex jipprocessa l-istop payment imbaghad it-terzi jigu jiffirmawhom wara. Skond dan ix-xhud huwa kien waqqaf l-istop payments ghax hadd ma gie jiffirma.

Illi ghandu jigi nnotat ukoll li fil-mori tal-kawza fi stadju ta' provi difiza, b'nota ta' l-istess akkuzata giet ipprezentata rcevuta mahruga mit-Tezor li turi li s-somma pretiza fuq ic-cheques giet rifuza lit-Tezor.

Ikkonsidrat

Illi mill-provi kollha migbura din il-Qorti ma ghandha ebda dubju dwar il-htija ta' Noemi Camilleri fil-konfront tal-akkuzi lilha addebitati. Rat ghaldaqstant l-artikoli 18, 127, 141, 166, 183, 184, 167, 168(1)(2), 169, l-artikolu 17 u 31 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u taghhom qeghda ssibha hatja.
Dwar il-piena ikkonsidrat illi sar hlas tas-somma mertu ta' l-akkuza. Xejn ma trid il-qorti illi b'xi mod timminimizza l-gravita' tar-reati kommessi mill-akkuzata aktar u aktar tenut kont tal-fatt illi hi kienet impjegata tal-Gvern, pero' tanut kont tla-fatt li l-akkuzata se tbati piena ta' interdizzjoni generali u perpetwa u tenut kont tal-fatt li hija ghandha fedina penali netta qeghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghal tliet snin mil-llum wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446 (dan anke konsiderando l-fatt li hija prekluza li tuza s-sentenza sospiza minhabba l-limitu ta' sentejn prigunerija skond l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9).

Rat ukoll l-artikolu 10 tal-kapitlu 9 u qeghda tikkundanna lil Noemic Camilleri ghal interdizzjoni generali u perpetwa. Tordna wkoll li din il-parti tas-sentenza tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.
Tornda n-notifika lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------